**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**Illum 27 ta' Novembru, 2019**

**Mandat ta' Inibizzjoni Nru: 224/2019/2 AF**

**Maria Antonia sive Tania Attard**

**vs**

**Godfrey Attard**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Maria Antonia sive Tania Attard li permezz tieghu hija talbet lil din il-Qorti zzomm lill-intimat milli jiddepozita l-paga tieghu f'kont iehor ghajr dak illi fih prezenzjalment jigi depozitat ossia l-kont mizmum mill-Bank of Valletta f'isem il-partijiet konguntivament bil-kont numru 40014061024 jew illi jittenta illi jaghmel dan billi *inter alia* jaghti xi struzzjonijiet lil min ihaddmu prezenzjalment jew prospettivament milli jiddepozita l-paga tieghu f'kont iehor ghajr dak hawn fuq imsemmi jew altrimenti jippermetti illi dan isir.

Rat ir-risposta ta' Godfrey Attard.

Rat l-Art. 873 tal-Kap. 12.

Rat id-dokumenti pprezentati miz-zewg partijiet.

Jirrizulta illi l-partijiet bdew proceduri ta' firda personali bejniethom. Ir-rikorrenti ghandha biza li zewgha ma jibqax jiddepozita l-paga sostanzjali tieghu f'kont *joint* kif dejjem ghamel.

L-intimat jilqa' ghat-talba billi jsostni li la hemm bazi legali ghall-hrug tal-mandat u lanqas hemm htiega ghalih galadarba l-komunjoni tal-akkwisti tgawdi assi konsiderevoli.

Il-Qorti ma taqbilx. Li s-salarju ta' parti fiz-zwieg jaghmel parti mill-komunjoni tal-akkwisti huwa indiskuss, kif inhu indiskuss dritt tal-konjugi fuq sehemu jew sehemha tal-istess komunjoni. Sakemm mhux pruvat mod iehor, is-salarju li jippercepixxi l-konjugi jappartjeni lit-tnejn. Ir-rikorrenti ghandha jedd tikkawtela dan il-jedd b'kull mod li tippermetti l-ligi.

L-intimat jargumenta li galadarba l-komunjoni tal-akkwisti tgawdi minn gid konsiderevoli, m'hemmx htiega tal-mandat ghaliex ir-rikorrenti dejjem ser jibqa' lilha assi bizzejjed biex minnhom tiehu sehemha tal-komunjoni. Hawnhekk ukoll il-Qorti ma taqbilx. Il-fatt li s-salarju tal-intimat huwa sostanzjali ferm fih innifsu jgib il-htiega ta' konservazzjoni. Jekk, skond ma jghidu l-partijiet, l-intimat jaqla' qrib il-200 elf Ewro fis-sena, fid-durata normali ta' process ta' separazzjoni sakemm dan jigi finalizzat, ikun jista' jigi eluz dritt tar-rikorrenti ghal ammont konsiderevoli minn sehemha fil-komunjoni ghaliex ma jkollha ebda hjiel x'sar minnu.

F'dawn ic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' definittivament it-talba ta' Maria Antonia sive Tania Attard u zzomm lil Godfrey Attard milli jiddepozita l-paga tieghu f'kont iehor ghajr dak mizmum konguntivament ma' Bank of Valletta u li jgib in-numru 40014061024. Huwa qieghed jigi mizmum milli jaghti struzzjonijiet lil min ihaddmu biex il-paga tieghu tigi depozitata f'kont iehor ghajr dak imsemmi.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

IMHALLEF